*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,738, 19 ta' Novembru, 2021*
*Taqsima B*

**A.L. 451 tal-2021**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

## Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dwan ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Iskart, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 549. 63.

Jemenda t-Taqsim tar-Regolamenti.

**2.** Fit-Taqsim tar-Regolamenti, minnufih wara l-kliem "imsemmija fir-regolament 7" għandu jiżdied dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "Skeda 11 | Il-Fond għall-Immaniġġar tal-Iskart |
| Skeda 12 | Eżempji ta' Strumenti Ekonomiċi u Miżuri oħra biex jiġu Pprovduti Inċentivi għall-Applikazzjoni tal-Ġerarkija tal-Iskart kif imsemmi fir-regolament 4A |
| Skeda 13 | Pjan ta' Implimentazzjoni". |

Jemenda r-regolament 4A tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Is-subregolament (3) tar-regolament 4A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru għandu jagħmel użu minn strumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart bħal dawk indikati fl-Iskeda 12 jew strumenti u miżuri oħra xierqa.".

Jemenda r-regolament 10Ċ tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Ir-regolament 10Ċ tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subregolament ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru jista' jipposponi l-iskadenzi biex jintlaħqu l-miri msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subregolament (2) sa ħames (5) snin dment li:

(a) Malta tkun ippreparat għall-użu mill-ġdid u rriċiklat inqas minn għoxrin fil-mija (20%) jew remiet f'*landfills* aktar minn sittin fil-mija (60%) tal-iskart muniċipali tagħha fl-2013 kif irrappurtat skont il-Kwestjonarju Konġunt tal-OECD u l-Eurostat; u

(b) mill-inqas erbgħa u għoxrin (24) xahar qabel id-data ta' skadenza rispettiva stabbilita fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subregolament (2), il-Ministru jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tiegħu li jipposponi l-iskadenza rispettiva u jippreżenta pjan ta' implimentazzjoni skont l-Iskeda 13."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(4) Fi żmien tliet (3) xhur minn meta tirċievi l-pjan ta' implimentazzjoni sottomess skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (3), il-Kummissjoni tista' titlob lil Malta biex tirrevedi dak il-pjan jekk il-Kummissjoni tqis li l-pjan ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskeda 13. Malta għandha tissottometti pjan rivedut fi żmien tliet (3) xhur minn meta tirċievi t-talba tal-Kummissjoni.

(5) F'każ tal-posponiment tal-kisba tal-miri skont is-subregolament (3), il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-aġenzija, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex iżid it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali:

(a) sa minimu ta' ħamsin fil-mija (50%) sal-2025 fil-każ ta' posponiment tal-iskadenza għall-kisba tal-mira msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2);

(b) sa minimu ta' ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) sal-2030 f'każ ta' posponiment tal-iskadenza għall-kisba tal-mira msemmija fil-paragrafu (b) tas-subregolament (2);

(ċ) sa minimu ta' sittin fil-mija (60%) sal-2035 f'każ ta' posponiment tal-iskadenza għall-kisba tal-mira msemmija fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2).".

Jemenda r-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Fis-subregolament (2) tar-regolament 29 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Iskeda 12".

Iżid Skedi ġodda mar-regolamenti prinċipali.

**6.** Minnufih wara l-Iskeda 11 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu l-Iskedi ġodda li ġejjin:

"SKEDA 12
EŻEMPJI TA' STRUMENTI EKONOMIĊI U MIŻURI OĦRA BIEX JIĠU PPROVDUTI INĊENTIVI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-ĠERARKIJA TAL-ISKART KIF IMSEMMI FIR-REGOLAMENT 4A

1. Imposti u restrizzjonijiet fuq ir-rimi f'*landfills* u l-inċinerazzjoni ta' skart li jinċentivizzaw il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart, filwaqt li jżommu r-rimi f'*landfills* bħala l-anqas għażla preferita għall-immaniġġjar tal-iskart.

2. Skemi ta' "ħallas skont kemm tarmi" li jitolbu lill-produtturi tal-iskart fuq il-bażi tal-ammont ta' skart iġġenerat u jipprovdu inċentivi għas-separazzjoni fis-sors ta' skart riċiklabbli u għat-tnaqqis ta' skart imħallat.

3. Inċentivi fiskali għad-donazzjoni ta' prodotti, b'mod partikolari l-prodotti tal-ikel.

4. Skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għal tipi varji ta' skart u miżuri biex iżidu l-effettività tagħhom, l-effiċjenza fl-infiq u l-governanza.

5. Skemi ta' rifużjoni tad-depożitu u miżuri oħra biex jinkoraġġixxu l-ġbir effiċjenti ta' prodotti u materjali użati.

6. Ippjanar tajjeb tal-investimenti fl-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart, inkluż permezz ta' fondi tal-Unjoni Ewropea.

7. Akkwist pubbliku sostenibbli biex jinkoraġġixxi l-immaniġġjar aħjar tal-iskart u l-użu ta' prodotti u materjali riċiklati.

8. Tneħħija gradwali tas-sussidji li mhumiex konsistenti mal-ġerarkija tal-iskart.

9. Użu ta' miżuri fiskali jew mezzi oħra biex jiġi promoss l-użu ta' prodotti u materjali li huma ppreparati għall-użu mill-ġdid jew riċiklati.

10. Appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji avvanzati ta' riċiklaġġ u ta' manifattura mill-ġdid.

11. Użu tal-aħjar tekniki disponibbli għat-trattament tal-iskart.

12. Inċentivi ekonomiċi għall-awtoritajiet reġjonali u lokali, b'mod partikolari għall-prevenzjoni tal-iskart u sabiex jiżdiedu l-iskemi tal-ġbir separat, filwaqt li jiġu evitati l-appoġġ tar-rimi f'*landfills* u l-inċinerazzjoni.

13. Kampanji ta' għarfien tal-pubbliku, b'mod partikolari dwar il-ġbir separat, il-prevenzjoni tal-iskart u t-tnaqqis tar-rimi taż-żibel, u l-integrazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

14. Sistemi għall-koordinazzjoni, inkluż b'mezzi diġitali, bejn l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti kollha involuti fl-immaniġġjar tal-iskart.

15. Promozzjoni ta' djalogu kontinwu u kooperazzjoni bejn il-partijiet kollha interessati fl-immaniġġjar tal-iskart, u l-inkoraġġiment ta' ftehimiet volontarji u r-rappurtar ta' kumpaniji dwar l-iskart.

## SKEDA 13
(Regolament 10Ċ(3))
PJAN TA' IMPLIMENTAZZJONI

Il-pjan ta' implimentazzjoni li għandu jiġi sottomess skont is-subregolament (3) tar-regolament 10Ċ għandu jinkludi dan li ġej:

1. Valutazzjoni tar-rati passati, attwali u mbassra ta' riċiklaġġ, tar-rimi f'*landfills* u trattament ieħor tal-iskart muniċipali u l-flussi li huwa kompost minnhom.

2. Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart u l-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart fis-seħħ skont ir-regolamenti 28 u 29.

3. Raġunijiet li għalihom Malta tikkunsidra li tista' ma jirnexxilhiex tilħaq il-mira rilevanti stabbilita fis-subregolament (2) tar-regolament 10Ċ fi żmien l-iskadenza stipulata hemmhekk u valutazzjoni tal-estensjoni taż-żmien meħtieġ biex tintlaħaq dik il-mira.

4. Miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fis-

subregolamenti (2) u (5) tar-regolament 10Ċ li huma applikabbli għal Malta matul l-estensjoni taż-żmien, li jinkludu strumenti ekonomiċi xierqa u miżuri oħra biex jiġu pprovduti inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita fir-regolament 4A u fl-Iskeda 12.

5. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri identifikati fil-partita 4, id-determinazzjoni tal-korp kompetenti għallimplimentazzjoni tagħhom u valutazzjoni tal-kontribuzzjoni individwali tagħhom biex jintlaħqu l-miri applikabbli fil-każ ta' estensjoni ta' żmien.

6. Informazzjoni dwar il-finanzjament għall-immaniġġjar tal-iskart f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

7. Miżuri biex titjieb il-kwalità tad-data, kif xieraq, bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni tal-ippjanar u tal-monitoraġġ tal-immaniġġjar tal-iskart.".